**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 421/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Salvatore Oliveri**
**(Karta tal-identita` Taljana AR 3651835)**

**Illum, 30 ta' Novembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Salvatore Oliveri** ta' 34 sena, iben Rosario u Maria nee` Finichiaro, imwieled Aci Catena, nhar il-15 ta' April 1978, residenti 'Rummiena', Triq tad-Dawl, Sqaq Nru. 4, Żebbuġ, detentur tal-karta tal-identita` Taljana bin-numru AR 3651835;

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta` April 2012, u fl-għoxrin ġurnata ta' qabel din id-data:

1. Ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[2];

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Herman Mula** jixhed illi l-Pulizija kellha informazzjoni illi l-imputat kien qiegħed jikkoltiva xi pjanti tal-*cannabis* ġewwa r-residenza tiegħu. Fit-30 ta' April 2012, għall-ħabta tas-6:30 p.m., huwa ġie skortat fir-residenza tiegħu, fejn f'kamra ġewwa l-istess residenza nstabu 8 pjanti suspettati *cannabis*, liema pjanti ġew elevati. Fir-rigward saret inkjesta mill-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Edwina Grima. L-imputat ġie arrestat u tteħditlu stqarrija.[3]

   **In kontro-eżami**, ix-xhud jixhed illi huwa ma kienx mar fuq il-post u illi dak li kien jaf kien fuq dak li kien qallu ħaddieħor.[4]

2. **John Muscat**, Deputat Reġistratur, esebixxa proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima rigwardanti "*sejba ta' pjanti tal-cannabis fir-residenza 'Rummiena', Triq tad-Dawl, Sqaq numru 4, Żebbuġ fit-30 ta' April 2012*".[5] Mill-istess proċess verbal jirriżulta illi l-Maġistrat Inkwirenti nnominat lill-Ispiżjar Mario Mifsud bħala espert analista sabiex jeżamina l-pjanti misjuba u lil PS 612 Theo Vella u PC 637 Kevin Emanuel Manicolo bħala *Scene of Crime Officers*.[6]

---

[1] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 75 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 15 u 16 tal-proċess u l-istqarrija tal-imputat esebita a fol. 4 sa 6 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 79 u 80 tal-proċess.
[5] Ara dan il-proċess verbal esebit a fol. 17 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara a fol. 25 tal-proċess.

3. Mir-relazzjoni tal-espert **l-Ispiżjar Mario Mifsud**, jirriżulta illi huwa ngħata tmien dokumenti għall-analiżi tiegħu u ċioe` s-segwenti:

i) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem: "Data 30/04/2012, Każ: sejba ta' 8 pjanti (żgħar) suspettati cannabis fil-fond Dar ir-Rummiena, sqaq numru 4, Triq id-Dawl, Ħaż-Żebbuġ, FS: 120858, Esebit: 12 BGZ 1A, Deskrizzjoni: Pjanta suspettata cannabis twila madwar 8.5 pulzieri li kienet ġo pot (flimkien ma' żewġ pjanti oħra), Elevati minn: PS 612 Theo Vella". F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta waħda żgħira. Dan id-dokument ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 157/13/01;

ii) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem: "Data 30/04/2012, Każ: sejba ta' 8 pjanti (żgħar) suspettati cannabis fil-fond Dar ir-Rummiena, sqaq numru 4, Triq id-Dawl, Ħaż-Żebbuġ, FS: 120858, Esebit: 12 BGZ 1B, Deskrizzjoni: Pjanta suspettata cannabis twila madwar 8 pulzieri li kienet ġo pot (flimkien ma' żewġ pjanti oħra), Elevati minn: PS 612 Theo Vella". F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta waħda żgħira. Dan id-dokument ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 157/13/02;

iii) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem: "Data 30/04/2012, Każ: sejba ta' 8 pjanti (żgħar) suspettati cannabis fil-fond Dar ir-Rummiena, sqaq numru 4, Triq id-Dawl, Ħaż-Żebbuġ, FS: 120858, Esebit: 12 BGZ 1C, Deskrizzjoni: Pjanta suspettata cannabis twila madwar 7.5 pulzieri li kienet ġo pot (flimkien ma' żewġ pjanti oħra), Elevati minn: PS 612 Theo Vella". F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta waħda żgħira. Dan id-dokument ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 157/13/03;

iv) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem: "Data 30/04/2012, Każ: sejba ta' 8 pjanti (żgħar) suspettati cannabis fil-fond Dar ir-Rummiena, sqaq numru 4, Triq id-Dawl, Ħaż-Żebbuġ, FS: 120858, Esebit: 12 BGZ 2A, Deskrizzjoni: Pjanta suspettata cannabis twila madwar 2.5 pulzieri li kienet ġo pot (tazza tal-plastik), Elevati minn: PS 612 Theo Vella". F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta waħda żgħira. Dan id-dokument ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 157/13/04;

v) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem: "Data 30/04/2012, Każ: sejba ta' 8 pjanti (żgħar) suspettati cannabis fil-fond Dar ir-Rummiena, sqaq numru 4, Triq id-Dawl,

Ħaż-Żebbuġ, FS: 120858, Esebit: 12 BGZ 2B, Deskrizzjoni: Pjanta suspettata cannabis twila madwar 3 pulzieri li kienet ġo pot (tazza tal-plastik), Elevati minn: PS 612 Theo Vella". F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta waħda żgħira. Dan id-dokument ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 157/13/05;

vi) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem: "Data 30/04/2012, Każ: sejba ta' 8 pjanti (żgħar) suspettati cannabis fil-fond Dar ir-Rummiena, sqaq numru 4, Triq id-Dawl, Ħaż-Żebbuġ, FS: 120858, Esebit: 12 BGZ 2C, Deskrizzjoni: Pjanta suspettata cannabis twila madwar 2.5 pulzieri li kienet ġo pot (tazza tal-plastik), Elevati minn: PS 612 Theo Vella". F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta waħda żgħira. Dan id-dokument ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 157/13/06;

vii) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem: "Data 30/04/2012, Każ: sejba ta' 8 pjanti (żgħar) suspettati cannabis fil-fond Dar ir-Rummiena, sqaq numru 4, Triq id-Dawl, Ħaż-Żebbuġ, FS: 120858, Esebit: 12 BGZ 2D, Deskrizzjoni: Pjanta suspettata cannabis twila madwar 5 pulzieri li kienet ġo pot (tazza tal-plastik), Elevati minn: PS 612 Theo Vella". F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta waħda żgħira. Dan id-dokument ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 157/13/07;

viii) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem: "Data 30/04/2012, Każ: sejba ta' 8 pjanti (żgħar) suspettati cannabis fil-fond Dar ir-Rummiena, sqaq numru 4, Triq id-Dawl, Ħaż-Żebbuġ, FS: 120858, Esebit: 12 BGZ 2E, Deskrizzjoni: Pjanta suspettata cannabis twila madwar 3 pulzieri li kienet ġo pot (tazza tal-plastik), Elevati minn: PS 612 Theo Vella". F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta waħda żgħira. Dan id-dokument ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 157/13/08.

Illi l-istess espert ikkonkluda hekk dwar dawn id-dokumenti:

Illi fuq il-weraq tal-pjanti li kien hemm fid-dokumenti 157/13/01 sa 157/13/08 kien hemm it-*trichomes* li huma fattizzi karatteristiċi li jkun hemm fuq il-weraq tal-pjanta tal-*cannabis*.

It-tmien pjanti li kien hemm fl-istess dokumenti, f'ammont nett totali ta' <u>0.32 grammi</u>, kienu dawk tal-*cannabis*. F'dawn il-pjanti nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* u l-medja tal-purita` għas-sustanza

*THC* ta' dawn il-pjanti kienet ta' ċirka 3.2%. Is-sustanza *THC* hija s-sustanza psikotropika primarja tal-pjanta u r-raża tal-*cannabis*.[7]

**In kontro-eżami**, l-Ispiżjar Mario Mifsud jixhed illi huwa ġie mogħti l-pjanti in kwistjoni minn PS 612 Theo Vella u illi ma marx fuq il-post minn fejn kienu ġew elevati l-pjanti.[8]

4. **PC 599 Clive Mangion** jixhed illi nhar it-30 ta' April 2012, flimkien ma' PS 1086 Johann Micallef, saret tfittxija fir-residenza tal-imputat odjern, ossia fil-fond 'Ir-Rummiena', Sqaq Nru. 4, Triq tad-Dawl, Żebbuġ, fejn fuq mejda f'kamra fit-tieni sular, instabu 6 *pots* tal-plastik li fihom kien hemm pjanti suspettati tal-*cannabis*. Dawn il-pjanti kienu ta' daqs differenti u ma kinux kbar ħafna. Ix-xhud jgħid ukoll illi fuq il-post kienu marru l-pulizija mill-Forensika, li elevaw il-pjanti in kwistjoni.[9]

5. **PS 1086 Johann Micallef** jixhed illi nhar it-30 ta' April 2012, flimkien ma' PC 599, mar ġewwa r-residenza tal-imputat, ossia fil-fond 'Ir-Rummiena', Sqaq nru. 4, Triq id-Dawl, Żebbuġ, fejn saret tfittxija u hemmhekk f'kamra minnhom, instabu 8 pjanti tal-*cannabis*, għoljin minn ċirka sebgħa sa għaxar ċentimetri, liema pjanti kienu f'tazzi tal-plasik u skont ix-xhud, kienu għadhom żgħar. Ix-xhud jgħid illi fid-dar flimkien mal-imputat kienu jgħixu wkoll il-mara tiegħu u żewġt itfal.[10]

6. **PS 612 Theo Vella** u **PS 637 Kevin Manicolo** esebew ir-rapport tagħhom, mil-liema jirriżulta illi mill-fond 'Dar ir-Rummien', Sqaq 4, Triq id-Dawl, Żebbuġ, huma elevaw tmien pjanti suspettati tal-*cannabis* li ġew immarkati minn Dok. 12 BGZ 1A, 12 BGZ 1B, 12 BGZ 1C, 12 BGZ 2A, 12 BGZ 2B, 12 BGZ 2C, 12 BGZ 2D u 12 BGZ 2E ġew mgħoddija lill-Ispiżjar Mario Mifsud, kif ukoll illi ttieħdu disgħa u għoxrin ritratt li juru l-pjanti li ġew misjuba fl-istess fond.[11]

   **In kontro-eżami PS 612 Theo Vella** jixhed illi l-pjanti kienu f'kamra li fiha kien qed isir xi xogħol ta' rinovazzjoni u illi din kienet waħda mudlama ħafna, għalkemm kellha t-twieqi. Jixhed ukoll illi ma kien hemm l-ebda dwal fuq il-pjanti, illi l-kamra ma kinitx attrezzata sabiex jikbru l-pjanti, u illi dawn kienu żgħar ħafna.[12]

---

[7] Ara x-xhieda tal-espert, a fol. 27 u 28 tal-proċess u r-relazzjoni esebita bħala Dok. MM a fol. 29 *et seq* tal-proċess.
[8] Ara a fol. 87 u 88 tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 52 u 53 tal-proċess. u a fol. 79 u 80 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 54 sa 56 tal-proċess.
[11] Ara dan ir-rapport a fol. 60 *et seq* tal-proċess u x-xhieda ta' PS 612 Theo Vella u ta' PS 637 Kevin Manicolo, a fol. 58 u 59 tal-proċess.
[12] Ara din ix-xhieda a fol. 82 sa 85 tal-proċess.

Illi da parti tagħha d-difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. Il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex jiġi redatt *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat odjern, liema rapport fil-fatt ġie redatt mill-**Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina**. Mill-istess rapport jirriżulta illi l-imputat ingħata trobbija tajba. Huwa separat minn mal-mara tiegħu li minnha għandu wild bi bżonnijiet speċjali. Għall-ħabta tas-sena 2008, l-imputat beda jgħix Malta u ftit taż-żmien wara daħal f'relazzjoni, mil-liema huwa għandu żewġt ulied. Jirriżulta wkoll mill-istess rapport illi l-qagħda finanzjarja tal-imputat ma kinitx waħda tajba, stante illi f'Malta huwa qatt ma stabilizza ruħu f'impjieg u beda jaħdem riċentement. L-imputat sostna illi huwa ma jagħmilx użu minn sustanzi lleċiti, u għalkemm ħafna snin qabel kien ipprova l-*cannabis* din m'għoġbitux u qatt ma uża sustanzi oħra. Matul il-kumpilazzjoni tar-rapport, huwa ntalab jissottometti ruħu għal żewġ testijiet tal-urina, f'April u f'Mejju 2017, li rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Mill-verifiki li saru mal-Aġenziji Sedqa, Caritas u l-Fondazzjoni Oasi, irriżulta li l-imputat qatt ma kien f'kuntatt magħhom u lanqas ma rriżulta illi huwa qatt ibbenefika mis-servizzi offruti miċ-Ċentru ta' Diżintossifikazzjoni (*Detox*).[13]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta mingħajr ebda dubju illi nhar it-30 ta' April 2012, fir-residenza tal-imputat instabu tmien pjanti li, mir-relazzjoni tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, jirriżulta illi huma pjanti tal-*cannabis.*

Jirriżulta in oltre illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-1 ta' Mejju 2012, u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-imputat ma jikkontestax illi huwa kien fil-pussess ta' dawn il-pjanti, lanqas illi kien hu li kkultiva l-istess. Fl-istess nota, l-imputat jagħmel referenza għall-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija u jinvoka l-istess stqarrija sabiex jiddefendi ruħu u dan billi jgħid illi huwa kien stqarr illi la kellu l-intenzjoni li jużа minn dawn il-pjanti u lanqas illi jispaċċa minnhom. Jirreferi wkoll għall-fatt illi huwa kien stqarr illi kien dilettant tal-pjanti u kien ikabbar xi pjanti wkoll.

[13] Arar-rapport esebit a fol. 96 *et seq* tal-proċess.

Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti qed tqis illi fil-waqt illi hija konxja mill-ġurisprudenza tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti Kostituzzjonali, fost oħrajn, dwar l-inammissibilita` tal-prova ta' stqarrija rilaxxjata minn persuna suspettata jew arrestata mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tagħha, fl-istess waqt la darba l-imputat stess fin-nota tiegħu, invoka l-istess stqarrija sabiex jiddefendi lilu nniffsu mill-imputazzjonijiet addebitati lilu, il-Qorti tqis illi m'għandhiex u ma tistax tiskarta din l-istqarrija. Qed tqis ukoll fir-rigward illi wara din in-nota, l-imputat fl-ebda ħin ma talab lil din il-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rilaxxjata minnu fid-dawl tal-ġurisprudenza kif żviluppat fir-rigward ta' stqarrija meħuda mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, fil-fatt l-imputat stqarr illi huwa la jieħu droga u lanqas ipejjep il-*cannabis,* illi l-pjanti in kwistjoni kienu tiegħu u fir-rigward jgħid illi xi tliet xhur qabel, offrewlu borża żgħira bil-*cannabis grass,* li min tahielu insista li jeħodha għalkemm huwa ma ridhiex, u illi huwa ħalla din il-borża għal xi xahar u nofs fil-vettura tiegħu. Eventwalment neħħiha mill-vettura, ra li fil-borża kien hemm tmien boċċi żgħar u warrabhom, żera tlieta minnhom ġo qasrija waħda u dawn nibtu kollha u għalhekk kompla jsaqqihom, għalkemm mhux bl-iskop li jipproduċi. Jgħid illi huwa daħal fuq l-*internet* biex ifittex fuq il-pjanta u kif għandek tkabbarha, illi huwa dilettant tal-pjanti u jkabbar xi pjanti oħra wkoll, u sar jaf illi ż-żerriegħa kellu jiżragħha fi qsari separati. Il-ħames żerriegħa l-oħra żeragħhom separatament, għalkemm ma mexiex ma dak li qara fuq l-*internet* għax ma tax wisq każhom. Jgħid illi huwa beda jkabbar il-pjanti xi għoxrin jum qabel, din kienet l-ewwel darba, huwa kien jagħtihom ilma biss u ma kinux esposti għax-xemx, kabbarhom għall-kurżita`, u ċaħad li kien bi ħsiebu jbiegħ mill-pjanti. Jgħid ukoll illi huwa kien iħobb il-pjanti u ma ħasibx li kien qed jikser il-liġi.

Illi fin-nota tiegħu, l-imputat donnu jargumenta mhux biss illi l-kultivazzjoni tal-pjanti ma kinitx intiża la għall-użu personali u lanqas għall-ispaċċ, iżda illi lanqas ma kellu l-intenzjoni li jikkoltiva l-pjanti. M'hemmx dubju madankollu illi l-imputat kellu din l-intenzjoni, u dan irrispettivament minn x'kien biħsiebu jagħmel bl-istess pjanti. Huwa evidenti illi l-kultivazzjoni tal-pjanti in kwistjoni saret mill-istess imputat, li kien ben konxju ta' dak li kien qed jagħmel tant illi fl-ewwel lok jgħid illi ż-żerriegħa sabha f'borża bil-*cannabis* li ngħatat lilu u fit-tieni lok, anke għamel riċerka fuq l-*internet* dwar il-koltivazzjoni tal-pjanta u żera' l-bqija taż-żerriegħa skont kif irriżultalu li kellu jagħmel. Jirriżulta għalhekk illi jissussistu sew l-element materjali, kif ukoll l-element formali tar-reat, ossia l-intenzjoni konsistenti sew fil-volontarjeta', kif ukoll fil-konsapevolezza tal-att materjali. Is-sottomissjoni tiegħu illi għalhekk huwa għandu jiġi liberat mill-imputatazzjoniet kif dedotti fil-konfront tiegħu, inkluż allura mir-reat ta' kultivazzjoni, ma jreġix. In oltre minkejja illi l-imputat jgħid illi ma kienx jaf li kien qed jikser il-liġi, *ignoratia legis neminem excusat.*

Il-Qorti tqis għalhekk illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Dak li jeħtieġ li tikkunsidra ulterjorment il-Qorti huwa jekk tirriżultax sodisfaċentement ippruvata t-tieni imputazzjoni ossia dik li permezz tagħha, l-imputat jinsab akkużat bir-reat tal-pussess tal-pjanta *cannabis* f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Fir-rigward, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-Prosekuzzjoni tirreferi għall-fatt illi fl-istqarrija tiegħu l-imputat jistqarr illi huwa ma kienx juża l-*cannabis* u illi għalhekk il-pussess tal-pjanti ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Verament illi jirriżulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, kif ukoll mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tiegħu illi l-imputat ma kienx jagħmel użu mill-*cannabis,* salv illi fil-passat ossia ħafna snin qabel, huwa kien għamel użu minnha u din m'għoġbitux. Fir-residenza lanqas ma jirriżulta illi nstabu xi oġġetti relatati mal-użu tal-*cannabis.*

Madankollu, lanqas ma tirriżulta xi prova illi turi illi l-imputat kellu l-intenzjoni li jispaċċa dawn il-pjanti, jew illi l-pjanti li kienu qed jiġu kkultivati kienu intiżi għall-użu ta' terzi. Apparti illi fl-istadju li fih instabu dawn il-pjanti, dawn kienu għadhom żgħar ħafna, b'piż kollettiv ta' 0.32 grammi, jirriżulta illi l-kamra li fiha kienu qed jiġu mkabbra lanqas ma kienet attrezzata għall-kultivazzjoni tal-pjanti, illi din kienet mudlama u kienet tgawdi biss minn dawl naturali. Apparti ċ-ċaħda tiegħu li huwa kien se jbiegħ minn dawn il-pjanti, dak li jistqarr l-imputat fir-rigward ossia illi huwa kien qed ikabbar il-pjanti b'kurżita` u illi huwa kien iħobb il-pjanti, lanqas ma jirriżulta kontradett mill-bqija tal-provi prodotti. Anzi l-Qorti tinnota illi fir-ritratti tar-residenza li ġew esebiti fl-atti, jirriżulta illi kien hemm diversi pjanti oħrajn f'partijiet oħra tal-fond.

Illi għalhekk għalkemm jirriżulta li l-pjanti ma kinux intiżi għall-użu tal-imputat, meta użu jiġi ekwiparat ma' konsum, mill-banda l-oħra lanqas ma jirriżulta illi l-pjanti kienu intiżi għall-użu ta' terzi jew għal spaċċ.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi m'għandhiex issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu, iżda qed issibu ħati biss tal-pussess tal-pjanta tal-*cannabis*, reat kompriż u nvolut fir-reat addebitat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Lulju 2019, liema fedina penali hija waħda netta.

Tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, in-numru ta' pjanti in kwistjoni, u illi l-piż tal-weraq, kif diġa ingħad, kien wieħed ċkejken, kif ukoll illi għandu japplika l-proviso tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(ċ), 8(d), 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu u tilliberah minnha, b'dan illi qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tar-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha, kompriż u nvolut fit-tieni imputazzjoni, u tikkundannah għall-piena ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' sitt mija u ħdax-il ewro (€611), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud u s-somma ta' mija u ħamsin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€150.13), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni esebita mis-*Scene of Crime Officers* PS 612 Theo Vella u PS 637 Kevin Manicolo, ammontanti komplessivament tali spejjeż għas-somma ta' seba' mija, wieħed u sittin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€761.13), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tal-pjanti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat